MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru 485/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp.  Joseph Cordina)**

**v**

**Joseph Borg ta' 47 sena bin George u Doris nee Cachia, imwieled Valletta fil-07/04/1959, residenti fl-indirizz 48, "My Nest", Triq Massabielle, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 280859 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Borg li gie akkuzat talli fil-21 ta' Mejju, 2006  u fi zminijiet ta' qabel, f'San Gwann, ircieva minn xihadd iehor jew kiseb minghand xihadd iehor xi weghda li jinghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh

iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

Fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi hedded bil-fomm lil John Alamango b'delitt u imponielu ordni jew kondizzjoni.

Fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi wera mgieba li biha kkaguna biza lil John Alamango li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2006.

Ikkonsidrat

Illi in kwantu ammetta l-akkuza, l-Qorti qed issib lil Joseph Borg hati ta' l-isess u dan wara li rat l-artikolu 298 C.

Dwar il-piena rat illi milli jidher ghalkemm mitlub l-imghaxijiet mitluba qatt ma thallsu.

Rat anke l-istqarrija esebita, ikkonsidrat li ma giet esebita lilha ebda fedina penali, rat ukoll il-pre sentencing report esebit, tenut kont ta' dak kollu premess tqis li Joseph Borg ghandu jgawdi attenwant mill-piena u qeghda ghalhekk, anke wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9, tikkundannah ghal multa ta' elf lira Maltija (Lm 1000).

Rat l-artiklu 14 tal-Kapitlu 9 u takkorda lil Joseph Borg li jhallas il-multa b'rati mensili ta' Lm 40 (erbghin lira Maltija) fix-xahar minn din il-gimgha b'dan illi jekk jonqos milli jhallas rata wahda l-bilanc huwa immedjatament konvert f'piena karcerarja ai termini tal-artikolu 14 tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------